17 ta' Ottubru, 1953

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giovanni Buttigieg *versus* Angela Bartolo

**Lokazzjoni — Pussess — Żgumbrament — Kompetenza — Art. 46 (3) u 47 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Id-domanda ta' l-attur biex jiġi mantenut u reintegrat fil-pussess ta' fond li ġie meħud u okkupat minn ħadd ieħor teżorbita mill-kompetenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati; għax l-oġġett tat-talba ma huwiex biżgumbrament tal-persuna li hekk tokkupa l-fond, u mhix in kontestazzjoni l-eżistenza ta' lokazzjoni, imma r-reintegrazzjoni fil-pussess ta' stabili.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta biex jiġi huwa mantenut minn din il-Qorti fil-pussess ta' xi kumditajiet tal-fond numru 36 Our Lady of Mercy Street, Żejtun, liema kumditajiet ġew mill-konvenut meħudin u okkupati mingħajr dritt, u dana fi żmien qasir u perentorju;

Rat l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mill-konvenuta;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Lulju 1953, li biha laqgħet l-eċċezzjoni u ddikjarat ruħha inkompetenti, bl-ispejjeż kontra l-attur; billi kkunsidrat;

Illi l-attur mhux qiegħed jitlob sempliċement l-iżgumbrament tal-konvenuta mill-kumditajiet in kwistjoni, iżda li huwa jiġi reintegrat u mantenut fil-pussess tagħhom; u għalkemm in definitva din ir-reintegrazzjoni tista' ssir, billi l-konvenuta tiżgombra mill-istess kumditajiet, dana però jikkostitwixxi talvolta l-eżekuzzjoni u l-effett tad-dritt li tiegħu l-attur qiegħed jitlob ir-rikonoxximent, u mhux dak id-dritt stess; u għaliex, skond il-liġi, wieħed jista' jippossjedi anki f'isem ħadd ieħor. Għalhekk id-domanda ta' l-attur tmur oltre s-sempliċi żgumbrament tal-konvenuta, għaliex huwa qiegħed jitlob reintegrazzjoni ta' pussess, u kwindi l-eżami tal-Qorti jrid jirrigwarda dan il-pussess li l-attur iqiegħed a bażi ta' l-azzjoni tiegħu;

Illi l-art. 46 (3) tal-Proċedura Ċivili jiddisponi illi l-kawżi dwar *jeddijiet rigwardanti beni immobili* ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, u l-unika eċċezzjoni hija magħmula mill-art. 47 dwar t-talbiet ta' "żgumbrament" jew "tkeċċija" minn beni immobili;

Illi għalhekk, billi *d-domanda ta' l-attur ma hix żgumbrament* jew tkeċċija, kif ġà fuq osservat, l-azzjoni kif proposta teżorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti. Infatti, fuq domanda tal-Qorti magħmula lid-difensur ta' l-attur, jekk kienx qiegħed jillimita l-azzjoni tiegħu għal reintegrazzjoni tal-lokazzjoni tal-kumditajiet in kwistjoni, dana *ssottometta* illi huwa ried ir-reintegrazzjoni fil-pussess, u mhux biss fil-lokazzjoni ta' dawn il-kumditajiet;

*Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u ċ-ċitazzjoni* tiegħu f'din il-Qorti, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u tiġi respinta l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mill-konvenuta;

*Omissis;*

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Kif inhi konċepita d-domanda, ma *tistax ma tkunx* sewwa s-sentenza appellata. L-attur qiegħed jitlob il-manutenzjoni u r-reintegrazzjoni fil-pussess ta' stabili, kif hemm fl-avviż, u kif, fuq domanda tal-Qorti t'Isfel, hu kompla jikkonferma. Il-pussess ma jistax ma jitqiesx ħlief bħala *dritt imgħaqqad* ma immobili, għall-finijiet ta' l-art. 46 (3) Kap. 15; għaliex anki meta ma hux il-"jus possidendi" ta' l-istess proprjetarju, u jkun iżolat mill-proprjetà, jista' dejjem ikun ta' fondament *għall-akkwist* eventwali tal-proprjetà. Ċert li l-kawża, kif intavolata, ma tidħolx fl-eċċezzjoni ta' l-art. 47 Kap. 15;

Il-fatt illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina ddikjarat ruħha *inkompetenti bis-sentenza* li kopja tagħha ġiet eżibita mill-appellant, fuq istanza oħra ta' l-appellant diretta għall-istess oġġett li hu ried jilħaq bl-avviż odjern, ma jfisser xejn; għas-sempliċi raġuni li f'dik l-istanza ċ-ċitazzjoni ġiet konċepita b'mod li, kif qalet l-istess Qorti

Ċivili fil-parti konsiderativa tas-sentenza tagħha, il-kwistjoni f'dik il-kawża kienet dwar "l-eżistenza tal-lokazzjoni" tar-raff li kien hemm fil-fond, u kwindi dik il-Qorti ġiet korrettement għall-konklużjoni li l-istanza, appuntu għax kienet tirrigwarda lokazzjoni, kienet ta' kompetenza tal-Qrati Inferjuri. F'din l-istanza, minflok, l-appellant ikkonċepixxa d-domanda tiegħu b'mod li hi tirrigwarda mhux il-lokazzjoni, imma l-pussess, u, interpellat mill-Qorti, ikkonfermaha bħala tali (jekk kien hemm bżonn). Għalhekk kollox juri li dan l-inkonvenjent ma kienx ikun, kieku l-appellant ikkonċepixxa aktar sewwa t-termini ta' l-istanza tiegħu—ħaġa li, jekk jidhirlu, għad jista' jagħmel f'istanza oħra;

Għal dawn il-motivi, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.